

BANK ĊENTRALI EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-11 ta' Diċembru 2008

dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2009

(BĊE/2008/20)

(2008/990/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

(miljuni fEUR)

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita' Ewropea, partikolarment l-Artikolu 106(2),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/608/KE tat-8 ta' Lulju 2008 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovakkja tal-munita waħda fl-1 ta' Jannar 2009 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 1,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġa mill-Istati Membri li adottaw l-euro (minn issa 'l quddiem 'l-Istati Membri parteċipanti).
- (2) Id-deroga favur is-Slovakkja msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.
- (3) Il-15-il Stat Membru parteċipanti ta' bħalissa u s-Slovakkja ppreżentaw għall-approvazzjoni tal-BĊE l-estimi tagħhom tal-volum ta' muniti euro biex jinħarġu fl-2009, flimkien ma' noti ta' spjega dwar il-metodoloġija ta' tbassir,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-volum ta' muniti euro biex jinħarġu fl-2009

Il-BĊE japprova l-volum ta' muniti euro biex jinħarġu mill-Istati Membri parteċipanti fl-2009 kif deskritt fit-tabella li ġejja:

	Ħruġ ta' muniti ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni u ħruġ ta' muniti ta' kollezzjoni (mhux iddestinati għaċ-ċirkolazzjoni) fl-2009
Il-Belġju	105,4
Il-Ġermanja	632,0
L-Irlanda	65,5
Il-Greċja	85,7
Spanja	390,0
Franza	252,5
L-Italja	234,3
Ċipru	22,5
Il-Lussemburgu	42,0
Malta	15,4
L-Olanda	68,5
L-Awstrija	216,0
Il-Portugall	50,0
Is-Slovenja	27,0
Is-Slovakkja	131,0
Il-Finlandja	60,0

Artikolu 2

Dispożizzjoni finali

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 11 ta' Diċembru 2008.

Il-President tal-BĊE
Jean-Claude TRICHET

⁽¹⁾ ĠU L 195, 24.7.2008, p. 24.